**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 24

Data tal-laqgħa: 14 ta' Lulju, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar l-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2025 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Galea |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:35p.m. billi ntqalet it-talba. Is-Sindku, is-Sa Meli, infurmat li l-laqgħa bdiet ftit minuti tard minħabba problemi tekniċi fil-*live streaming.*

Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera preżenti kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid tal-Kunsill, is-Sa Marvic Vassallo. Hi spjegat kif din il-laqgħa ser tkun qed issir mid-DSE ta' l-aħħar peress li s-Sa Vassallo kienet għadha kif bdiet l-impjieg tagħha dakinhar stress. Is-Sindku irringrazzjat lid-DSE tax-xogħol u l-għajnuna li tat lill-Kunsill matul ix-xhur li għaddew.

Is-Sa Meli infurmat ukoll kif is-Sa Marilena Hassan bidlet il-kunjom u mill-llum 'il quddiem ser tkun is-Sa Marilena Galea.

## 24/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**24/01/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat li dan il-Kunsill ma kien irċieva l-enda ittra t'apoloġija u għal din ir-raġuni kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

## 24/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**24/02/01** Il-Minuti tas-seduta numru 23 li nżammet nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2025, kienu meħuda bħala moqrija.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**24/02/02** Il-Minuti kienu approvati fuq proposta mill-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, sekondat mill-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard.

**24/02/03** Is-Sindku infurmat kif hi kienet ser tagħti aġġornamenti fil-qosra dwar punti li kienu mqajma fil-laqgħa preċedenti.

**24/02/05** Is-Sindku infurmat dwar il-laqgħa li kienet inżammet nhar it-Tnejn 7 ta' Lulju 2025 ma' l-għaqdiet tal-lokal, Kappillan u l-Pulizija fejn ġie diskuss x'kien hemm bżonn li jsir, fosthom permessi relatati mal-festa 2025.

**24/02/06** Is-Sa Meli infurmat kif kienet ser twaqqaf il-laqgħa sakemm tiġi solvuta problema teknika tal-*live Streaming.*

**24/02/07** Malli s-sistema kienet tidher tajba, is-Sa Meli infurmat kif il-laqgħa kienet qed titkompla. Hi spjegat ukoll kif sar ukoll komunikazzjoni ta' *clearances* u talba għal *barriers.* Is-Sa Meli spjegat ukoll kif il-Kunsill kien għadu qed jistenna tweġiba mingħand l-Aġenzija LESA dwar prezenza ta' uffiċċjali waqt il-ħruq tan-nar. Hi qalet ukoll kif il-Kunsill għad ma kellux komunikazzjoni dwar il-*framework agreement* sabiex is-servizzi mgħotija mill-Kunsill waqt avvenimenti kulturali jiġu rimborżati.

**24/02/08** Is-Sa Meli aġġornat lill-Kunsilliera preżenti dwar it-talba ta' *no entry* fi Triq Mons. Luigi Catania fejn TM ikkonfermaw li din ma kinitx twaħlet minn-naħa tagħhom u għal din ir-raġuni il-Kunsill jistà jipproċedi billi jneħħi din it-tabella.

**24/02/09** Is-Sa Meli aġġornat lill-Kunsilliera preżenti dwar il-marki tal-parkeġġ tal-muturi fi Triq il-Kbira, il-Għargħur. Hi spjegat kif il-Kunsill staqsa lil TM dwar dan u ġiet infurmat li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni dwar dan u għal din ir-raġuni l-Kunsill jistà jneħħu dan il-parkeġġ.

**24/02/10** Is-Sa Meli aġġornat lill-Kunsilliera preżenti fuq il-bollards tal-ħadid fi Triq Fidel Zarb fejn kien hemm resident li kien talab żewġ bollards tal-ħadid mal-faċċata tiegħu. Hi spjegat kif il-Kunsill ġie infurmat minn TM kif dawn it-tip ta' bollards m'għadhomx jiġu approvati fit-toroq jekk mhux fil-*foot path* u kif dawn mhumiex *in line* la fil-*policy* u lanas fil-liġi. Hi qalet ukoll li dawn il-bollards tal-ħadid jinsabu wkoll f'xi żoni oħra ġewwa l-Għargħur u dawn għandhom jiġu kjarifikati.

**24/02/11** is-Sa Meli tat aġġornament fuq l-istudenti barranin fejn il-Kunsill ser ikun qed jospita studenti mill-21 ta' Lulju sat-22 t'Awwiss 2025u kif san ser ikun qed jgħin fl-amministrazzjoni anke fejn jidħol *scanning* u *book-keeping.*

**24/02/12** Is-Sa Meli tat aġġornament fuq il-kuntratt ta' l-avukat fejn dan il-Kunsill ipproċeda fuq bażi ta' *retainer fee* li kienet ġiet imressqa fil-laqgħa preċedenti. Hi spjegat kif il-Kunsill kellu jimxi mad-deċiżjoni oriġinali u b'dan il-mod il-Kunsill ser ikollu kontroll ta' kemm ser tkun l-iżpiża kif ukoll l-avukat magħżul ikun marbut li jirrappreżenta dejjem lill-Kunsill.

**24/02/13** Is-Sa Meli infurmat li t-tabella fejn tal-Ferħa kienet ġiet maqluha u s-siġra li għandha bżonn tinżabar spjegat kif kienu nħarġu talbiet permezz ta' *purchase orders* u l-Kunsill qed jistenna sabiex isiru dawn ix-xogħolijiet.

## 24/03 Komunikazzjoni mis-Sindku

**24/03/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, infurmat lill-Kunsilliera dwar il-laqgħa li hi kellha mas-CEO ta' l-Aġenzija LESA, is-Sur Svetlick Flores, fejn tkelmu dwar il-bżonnijiet tal-lokal u ġie diskuss il-problema ta' l-iskart domestiku li qed jinħareġ illegali. Hi qalet kif il-lokalità ser tara żieda fl-infurzar fil-ġranet li ġejjin.

**24/03/02** Is-Sa Marilena Galea staqsiet jekk l-infurzar hux qed isir mill-ERA wkoll. Hi staqsiet ukoll jekk il-Kunsilliera jistgħux ikollhom kuntatt sabiex ikunu jistgħu jirrappurtaw mill-ewwel meta jiltaqgħu ma' xi abbuż.

**24/03/03** Is-Sa Meli spejgat kif l-ERA qed jippruvaw ileħqu ma' Reġjun sħieħ u qalet ukoll kif meta kienet preżenti għall-laqgħa Annwali Ġenerali tar-Reġjun, is-Sur Zammit, kien informa li l-uffiċjali ta' l-ERA ser ikunu qed jghatu prijorita lil dawk il-lokalitajiet li huma meqjusa turistiċi. Dwar il-kuntatt, is-Sa Meli infurmat kif l-aħjar tikteb fic-*chat* tal-Kunsill ħalli ma jkunx rapport repetut.

**24/03/04** Is-Sa Meli ressqet aġġornament dwar Triq Fidiel Zarb fejn il-Kunsill kien qed jirċieva diversi ilmenti dwar karozzi li kienu qed jgħaddu minn din it-Triq b'veloċità kbira, speċjalment fejn hemm id-dawra. Hi spejgat kif kienet tkelmet mal-Pulizija dwar dan u ser isir assessjar biex jaraw jekk jistax ikun hemm l-użu ta' *speed gun.* Imma minħabba t-triq kif inhi, jridu jaraw jekk dan jistax jitħaddem minħabba kif inhi t-Triq.

**24/03/05** Is-Sa Meli infurmat kif il-Kunsill qed idur il-markeġġi tat-toroq biż-żebgħa mill-ġdid peress li jkunu ċċaraw maż-żmien.

**24/03/06** Is-Sa Meli għamlet referenza għal talba sabiex titranġa s-*sleeping police* fi Triq Fidiel Zarb. Hi qalet kif fil-lokalità kien hemm diversi *sleeping policeman* li m'għadhomx fi stat tajjeb u għal din ir-raġuni hi ressqet talba sabiex ikun hemm eżerċizzju dwar kemm hemm minn dawn l-*ispleeping policeman* li mhumiex f'kundizzjoni tajba, sabiex dawn jitranġaw.

**24/03/07** Is-Sa Francesca Attard qablet ma' din il-proposta.

**24/03/08** Is-Sa Helen Gauci staqsiet dwar l-isleeping policeman li kienu ġew imressqa u approvati ħdejn il-mużew tas-subiex.

**24/03/09** Id-DSE infurmat li kienet ressqet it-talba lill-kuntrattur u ser tkun qed tiċċekja dwar dan.

**24/03/10** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif qabel ma bdiet din il-laqgħa kien hemm diskussjoni dwar xogħolijiet pendenti li għadhom iridu jsiru peress li d-DSE kienet limitata b'kemm setgħet tagħmel xogħol mill-aħħar laqgħa sa' din u peress li anke kienet ġimgħat msiefra. Hi spjegat kif issa ser ikun hemm is-SE il-ġdida u dan ix-xogħol għandu jibda jsir immedjament.

**24/03/11** Is-Sa Meli għamlet referenza fuq il-*lights* ta' Triq Santa Katerina u qalet kif il-Kunsill kien ġie mitlib *site plan* u din ġiet mgħoddija mill-ewwel lil TM.

**24/03/12** Is-Sa Gauci żiedet tgħid li dan kien rapport li kien ġie ippreparat fuq talba tagħha li kien sar mingħajr ħlas.

**24/03/13** Is-Sa Meli talbet sabiex il-punt li dan hu bla ħlas ikun għand il-Kunsill bil-miktub permezz ta' kuntratt u biex il-Kunsill ikun ċert li ma hemmx spejjeż relatati ma' dan.

**24/03/14** Is-Sa Meli infurmat li ser tkun qed tiġi msejħa laqgħa mal-Kunsill Lokali tan-Naxxar sabiex terġa tiġi diskussa l-proposta sabiex parti minn Triq John Ayde tkun magħluqa għat-traffiku fil-ħin ta' filghodu, bejn is-7 u d-9 ta' filgħodu.

**24/03/15** Is-Sa Gauci fakret lill-Kunsill li din il-laqgħa kienet diġa saret.

**24/03/16** Is-Sa Meli talbet lis-Sa Gauci tfakkar lill-Kunsilliera x'kien ġara f'din il-laqgħa.

**24/03/17** Is-Sa Gauci infurmat li hi flimkien mad-DSE kienu ltaqgħu mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar sabiex iressqu din it-talba f'isem il-Kunsill ta' Ħal Għargħur u qalet kif il-Kunsill ma kienx aċċetta li minn fejn tibda l-Għargħur, filgħodu jkun hemm perjodu ta' sagħtejn fejn it-traffiku ma jidħolx. Hi qalet ukoll kif din it-talba kienet ġiet imressqa lill-TM u kien qal li ma jsibx oġġezzjoni diment li hemm approvazzjoni mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

**24/03/18** Is-Sindku qalet li tixtieq li terġa tavviċina l-Kunsill tan-Naxxar u tiddiskuti li din tiġi affetwata minn wara li jinqabżu r-residenzi minħabba problemi ta' sigurta.

**24/03/19** Is-Sa Francesca Attard qablet mal-proposta mressqa mis-Sindku b'mod speċjali minħabba l-fattur tas-sigurta.

**24/03/20** Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera preżenti sabiex it-talba tkun fil-ħin ta' filgħodu biss.

**24/03/21** Is-Sur Christopher Fenech reġa fakkar fis-sitwazzjoni li l-Kunsill preċedenti kellu meta kienu saru tabelli qabel Birguma fin-Naxxar u li kienu affetwaw lill-Għargħur u kif meta l-Kunsill kien ressaq oġġezzjoni, TM kien informa li ġaladarba t-tabelli kienu fil-lokalità l-oħra, l-oġġezzjoni ma kienitx ġiet milquha. Għaldaqstant t-talba li qed tiġi mressqa minn dan il-Kunsill hija l-istess ħaġa u m'għandhux għax ikollu l-approvazzjoni tal-Kunsill tan-Naxxar.

**24/03/22** Is-Sa Meli infurmat kif qed tara li l-Puluzija flimkien ma' l-uffiċċjali tal-LESA jiżdied l-infurzar. Hi qalet ukoll kif qed tiġri wara l-Puluzija sabiex jgħatu risposta dwar l-post li l-Kunsill alloka skrivanija fil-binja tal-Kunsill. Is-Sa Meli spjegat li kienet għadha qed tistenna risposta lura.

**24/03/23** Is-Sa Meli għamlet referenza fuq l-avveniment tal-Boxing li kien inżamm fl-2024 u nfurmat kif il-Kunsill kien irċieva ittra legali mill-avukat ta' l-organizzaturi tal-Boxing fejn qed jitlob lill-Kunsill sabiex iħallas l-ispiża ta' €20,200.00 u b'hekk din ġiet mgħoddija immedjatament lill-avukat tal-Kunsill. Hi qalet kif l-għada ta' din il-laqgħa ser tkun qed tiċċirkula r-risposta ta' l-avukat.

**24/03/24** Is-Sa Gauci talbet sabiex ikollha kopja ta' l-ittra legali.

**24/03/25** Id-DSE ikkonfermat li kienet ser tgħaddi kopja ta' din l-ittra l-għada ta' din il-laqgħa.

**24/03/26** Is-Sa Meli żiedet tgħid kif flimkien ma' l-ittra mill-avukat tal-Kunsill, l-avukat ser ikun qed jitlob sabiex tinżamm laqgħa mal-organizzaturi flimkien ma' l-avukat tagħhom biex il-Kunsill ikun jistà jara kif dawn ser jiġu mħalsa.

**24/03/27** Is-Sa Gauci staqsiet jekk il-Kunsilliera humiex ser ikunu notifikati dwar din il-laqgħa.

**24/03/28** Is-Sa Meli ikkonfermat kif ser tkun qed tinforma lill-Kunsilliera dwar din il-laqgħa.

**24/03/29** Is-Sa Attard staqsiet jekk il-Kunsilliera kollha humiex mitluba li jkunu preżenti għal din il-laqgħa.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**24/03/30** Is-Sa Gauċi qalet li l-Kunsilliera jistgħu jkunu preżenti.

**24/03/31** Is-Sa Meli infurmat li hi ser tkun qed tistaqsi lill-avukat dwar dan u tagħti risposta.

**24/03/32** Is-Sa Meli għamlet referenza fuq it-Torri tas-Semaforu u qalet kif hi kienet iċċekjat mad-Dipartiment tal-Artijiet u qalet kif peress li l-Kunsill qatt ma kien għamel *sub-lease* mal-persuna li qed tokkupa dan it-Torri, din ma kienitx aċċettabli u għal din ir-raġuni l-Kunsill irid jirrikorri legalment sabiex din il-persuna toħroġ minn din il-binja.

**24/03/33** Is-Sa Gauci staqsiet jekk il-persuna li qed tokkupa t-torri qalx lill-Kunsill li ma jridx joħroġ.

**24/03/34** Is-Sa Meli qalet kif il-persuna qed itawwal biex joħorġ mit-Torri meta dan ilu xhur li ġie mitlub sabiex jitlaq minn dan is-sit.

**24/03/35** Is-Sa Galea staqsiet kif ġaladarba ma hemmx kuntratt sabiex hu jokkupa dan is-sit, x'qed iżomm il-Kunsill milli jaqbad u jbattal it-torri mill-affarijiet tiegħu.

**24/03/36** Is-Sa Meli spjegat kif legalment ma jistax jitbattal il-post mingħajr kunsens.

**24/03/37** Is-Sa Gauci fakret li għalkemm ma kienx hemm kuntratt, il-persuna kienet qed tokkupa dan it-torri bil-kunsens tal-Kunsill kollu li kien hemm preċedenti.

**24/03/38** Is-Sa Meli infurmat kif hi kienet ġiet mgħedda mill-persuna li qed tokkupa dan is-sit li hu seta ma tax iċ-ċwievet. Hi staqsiet lis-Sa Gauci u lis-Sur Fenech, li kienu fil-Kunsill preċedenti, biex jikkonfermaw jekk kienx hemm ftehim legali u jekk is-sid kellux iħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

**24/03/39** Is-Sa Gauci u s-Sur Fenech ikkonfermaw li l-Kunsill ma kellu l-ebda kuntratt u li l-ftehim kien li din il-persuna kellha tħallas il-kontijiet. Huma qalu wkoll li din kienet ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill u din għandha tinstab fil-minuti.

**24/03/40** Is-Sa Meli qalet kif hi kienet tinsab inkwetata meta l-persuna qal li seta ma raddx lura ċ-ċavetta kif ukoll meta skopriet li għad hemm kont pendenti tad-dawl u l-ilma x'jiġi mħallas għall-perjodu mit-28 ta' Novembru 2024. Hi qalet kif marret biex ittiehulu u qalet kif dan ma jridx li jħalsu. Għal din ir-raġuni hi qalet kif il-parir legali kien li tintbagħat ittra lill-okkupant fejn ser jingħata żmien stipulat sabiex ibattal dan is-sit minħabba li hemm affarijiet storiċi u jintalab sabiex iħallas dan il-kont pendenti. Hi qalet ukoll kif iċ-ċavetta tat-Torri ma tistax tingħata lil din il-persuna biex ibattal sakemm mhux ma xi ħadd, ħaddiem jew xi ħadd mill-Kunsill.

**24/03/41** Is-Sa Galea staqsiet jekk il-ħaddiema tal-Kunsill aċċettawx li jmorru kull darba li jkun hemm dan il-bżonn.

**24/03/42** Is-Sa Meli spjegat kif dan kollu kien qed jitressaq f'din il-laqgħa u skond id-deċiżjoni, hi kienet ser tkun qed tikkomunika mal-ħaddiema. Hi qalet ukoll li jekk ikun hemm xi diffikulta, ser ikun hemm anke is-SE il-ġdid.

**24/03/43** Is-Sur Fenech talab sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb isib il-minuti fejn kien intqal li l-kontijiet għandhom jiġu mħallsa mill-okkupant.

**24/03/44** Is-Sa Attard talbet sabiex tressaq domanda fuq it-Torri. Hi qalet kif fl-aħħar laqgħa kienet isemmiet li l-kuntratt li kien ġie iffirmat fuq dan it-Torri kien hemm imsemmi li dan kien ġie iffirmata fil-preżenza tas-Sa Gauci u ta' xhud. Hi qalet kif il-Kunsill għandu kull dritt ikun jaf min kien dan ix-xhud.

**24/03/45** Is-Sa Meli qalet li min qed jokkupa dan it-torri kien qallha min kien ix-xhud. Hi ikkwotat kif il-persuna li qed tokkupa t-torri kien qal li x-xhud kien is-Sur Joseph Farrugia li kien fil-preżenza tas-Sa Gauci u kif il-Kunsill ma kienx infurmat dwar dan il-kuntratt.

**24/03/46** Is-Sa Attard qalet li x-xhud kellu jkun is-SE jew xi ħadd mill-Kunsill u mhux xi ħadd li m'għandhux x'jaqsam mal-Kunsill.

**24/03/47** Is-Sa Meli qalet li l-muftieħ ma kienx inġab għall-Kunsill imma għax kien propjetà tal-Kunsill.

**24/03/48** Is-Sa Gauci qalet kif meta ġiet titlob iċ-ċwievet tax-xelter minħabba l-kuntrattur tad-dawl, ma nstabet l-ebda kopja fl-uffiċċju tal-Kunsill

**24/03/49** Is-Sa Meli qalet kif għal bidu s-sett ma nstabx u kienet ser tinżel bis-sett li kellha għandha s-Sa Attard imma umbad kienu nstabu. Hi qalet kif iċ-ċwievet kienu għand membru tal-Kunsill u mhux għand terz.

**24/03/50** Is-Sa Gauci semmiet il-bdil taċ-ċwievet tal-binja tal-Kunsill u kif il-Kunsill qatt ma kien ġie infurmat dwar dan.

**24/03/51** Is-Sa Meli spjegat kif il-Kunsill kellu kull dritt ibiddel is-sett taċ-ċwievet u l-importanti li l-amministrattiv għandu kopja ta' dawn iċ-ċwievet u kif il-Kunsilliera għandhom jiġu meta l-binja tkun miftuħa. Hi żiedet tgħid li hemm sett *spare* għal meta jkun hemm bżonn.

**24/03/52** Is-Sa Meli għamlet referenza għaċ-ċwievet tax-xelter u qalet kif temporanjament sett ta' dawn iċ-ċwievet qedin għand il-Viċi Sindku, is-Sa Attard, mingħajr l-ebda problema li tintqal, minħabba l-attivitajiet li qedin isiru fix-xelter. Dan minħabba li matul il-ġurnata kulħadd għandu x-xogħol *full time* tiegħu u ċertu xogħolijiet qed ikollhom isiru filgħaxija. Kopja taċ-ċwievet dejjem kienu fl-uffiċċju.

**24/03/53** Is-Sa Meli qalet kif ser tikkoreġi dak li ntqal u l-muftieħ ma ġiex lura għand l-individwi imma lill-Kunsill peress li s-sit huwa propjeta tal-Kunsill. Ix-Xhud kien terza u mhux membru tal-Kunsill u kif la hi, bħala Sindku, u lanqas id-DSE ma kienu nfurmati dwar dan u jekk kellu jsir xi kuntratt, dan kellu jiġi mressaq fil-laqgħa tal-Kunsill. Hi qalet kif għal din ir-raġuni, il-prassi ma kienux inżammu.

**24/03/54** Is-Sindku għamlet referenza għall-kotba tal-accounts fejn jidħlu l-finanzi tas-sena 2024 u qalet kif kien għaddej eżerċizzju fejn l-accounts tas-sena 2024 ma setgħux jingħalqu minħabba li kienu qed jiġu xi kredituri u jinfurmaw lill-Kunsill bil-kontijiet pendenti u ma kienux imniżżlin fil-*book keeping* fis-SAGE. Hi qalet kif dawn il-kontijiet kienu jmorru lura għal numru ta' snin u kif dawn kienu meta l-Kunsill kien *full complement*. Hi spjegat kif sar l-eżerċizzju fejn ġew miltuba *statements* lill-kredituri kollha li kien hemm fis-SAGE.

**24/03/55** Is-Sa Meli għaddiet dokument lill-Kunsilliera preżenti fejn jispjega l-ammont ta' kontijiet pendent li l-Kunsill għandu xi jħallas lill-kredituri u kif dan l-ammont kien tela għal madwar €95,000. Dan id-dokument qed jiġi anness ma' dawn il-minuti bħala 'Dokument A'.

**24/03/56** Id-DSE spjegat kif ma jfissirx li dan huwa l-ammont finali imma dan l-eżerċizzju sar biex il-Kunsill ikollu idea aħjar dwar x'hemm pendenti.

**24/03/57** Is-Sa Meli infurmat kif dawn il-kontijiet ġew inkluża fil-kotba tas-sena 2024 wara li l-accountants il-ġodda ġew infurmata dwar dan.

**24/03/58** Id-DSE spjegat fuq il-pagament pendenti li l-Kunsill Lokali għandu ma D Consulta li kienu l-accountants li l-Kunsill kellu sa' l-2024. Hi qalet kif meta kienet bdiet bħala DSE kienet ġiet infurmata li din il-kumpanija baqgħet titħallas għas-servizz pero il-Kunsill ma kienx qed jingħata s-servizz kollu peress li l-accountant kien miet u minn nofs is-sena sa tmiem is-sena, il-Kunsill

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

kien qed jingħata biss ix-xogħol ta' *book keeping*. Id-DSE kienet infurmat lill-kumpanija dwar dan, pero huma baqgħu jinsistu li l-Kunsill għandu jħallas l-ammont kollu. Hi qalet ukoll li kienet talbet sabiex il-kunsill għandu jħallas biss għas-servizz li kien ingħata.

**24/03/59** Is-Sa Meli qalet kif dan ma kienx l-ammont totali tal-kredituri għax dan għadu jrid joħroġ mill-accountants sabiex eventwalment ir-rapporti finanzjarji jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill u jsiru l-awditjar tagħhom.

**24/03/60** Is-Sa Meli qalet ukoll kif għal fini ta' trasparenza hi xtaqet tressaq l-ispiża marbuta ma' l-avveniment li kienet saret 'Minn Pjazza Għal Pjazza'. Hi tat spjegazzjoni dwar kull ħlas u fakret li l-Kunsill ser ikun qed jiġi rimborżat għal dawn il-ħlasijiet permezz ta' l-iskema. Dan id-dokument bl-ispejjeż relatati qed jiġu annessa ma' dawn il-minuti permezz ta' 'Dokument B'.

**24/03/61** Id-DSE issuġġerit lill-Kunsill jikkunsidra jkellem lid-Diviżjoni għalL-Gvern Lokali sabiex jikkunsidra li l-ammont allokat li ma kienx intużat għal dan l-avveniment ikunx jistà il-Kunsill jgħamel avveniment kulturali ieħor jew jintużaw bħala transport biex jieħdu resident mill-Għargħur fl-avvenimenti oħra marbuta ma' l-istess skema.

**24/03/62** Is-Sindku ressqet fuq il-mejda *folder* bil-kuntratti relatati ma' Jum il-Għargħur peress li ħafna mill-affarijiet kienu ġew *sponsored*. Hi qalet ukoll kif kopja ta' dawn il-kuntratti kienu intbagħtu wkoll b'emejl dakinhar stess, filgħodu.

## 24/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**24/04/01** Is-Sa Meli infurmat li dan il-Kunsill kien irċieva domanda mingħand il-Kunsilliera.

**24/04/02** Is-Sa Gauci staqsiet jekk setatx tressaq xi ħaġa għal din il-laqgħa.

**24/04/03** Is-Sa Meli laqgħet din it-talba.

**24/04/04** Is-Sa Gauci infurmat kif hi kienet irċiviet komunikat sabiex ikun hemm iktar tindif fiż-żona tax-Xwieki u tbattil tal-bins. Hi spjegjat it-tbattil ta' dawn il-bins kienu jsiru darbtejn u ġieli anke tliet darbiet fil-ġimgħa imma kif issa dawn ma kienux qedin isiru.

**24/04/05** Is-Sa Gauci qalet kif xtaqet aġġornament fuq kif il-Kunsill kien baqa fuq il-vann tal-Kunsill.

**24/04/06** Is-Sa Meli infurmat kif dwar il-vann kienet ser titkellem aktar 'il quddiem peress li kien hemm *item* fuq l-aġenda dwar il-kuntratti.

**24/04/07** Is-Sa Meli infurmat kif kienet insiet tressaq żewġ komunikazzjoni oħra u għal din ir-raġuni hi nfurmat dwar il-Cleansing li kien beda s-servizz madwar ġimgħatejn qabel din il-laqgħa u qalet kif kienet bagħtet komunikat fuq ic-chat tal-*whatsapp* tal-Kunsill dwar l-ilma li qed jintuża sabiex il-Kunsilliera jkollhom l-informazzjoni korretta meta jiġu mitluba din l-informazzjoni. Hi qalet kif l-ilma li qed jintuża għall-ħasil huma skond l-*ispecs* tat-tender. Hi qalet ukoll kif ir-rutina tal-qtugħ tal-ħaxix u l-ħasil ser jiġu aktar formalizzata fil-jiem li ġejjin. Hi qalet kif it-tindif qed isir u qed isir sew u qalet ukoll ix-Xwieki bdewh ukoll. Is-Sa Meli semmiet li kien hemm problema bis-

siġra partikolari fil-*main road* li mhux privati u qed twaqqa ħafna. Filgħodu jkun qed isir il-knis, umbad sa filgħaxija l-art terġa tkun mimlija. .

**24/04/08** Is-Sur Fenech staqsa x'prassi qed jieħu l-Kunsill f'każ fejn siġra tkun qed tostakola bankina mill-propjeta privata.

**24/04/09** Is-Sa Meli spjegat kif f'każijiet bħal dawn, il-Kunsill qed jikteb ittra lir-resident sabiex is-siġra tiġi miżbura. Jekk ikun hemm persistenza, il-każ qed jiġi riferut għand il-puluzija.

**24/04/10** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-iskema finanzjarja numru 7/2025 fejn fil-laqgħa preżenti kienet ġiet approvata l-idea li l-Kunsill iressaq talba sabiex jinxtara vann, akbar minn dak li għandu fil-preżent il-Kunsill. Hi infurmat li l-Kunsill ser ikun qed japplika għal din l-iskema u jippruvaw li l-paga tax-xufier tidħol ukoll f'din l-applikazzjoni. Is-Sa Meli qalet li l-applikazzjoni finali ser tkun qed tiġi iċċirkulata mal-Kunsilliera qabel din tiġi sottomessa.

**24/04/11** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din l-iskema b'mod unanimu.

**24/04/12** Is-Sa Gauci staqsiet jekk is-servizz bil-vann lir-residenti hux ser jibqa jingħata sakemm din l-iskema tiġi approvata u, jekk milquha, jinxtara l-vann.

**24/04/13** Is-Sa Meli infurmat li s-servizz ser jibqà jingħata pero dwar dan ser tkun qed titkellem aktar fid-dettal meta jiġi diskuss l-*item* dwar il-Kuntratti.

**24/04/14** Is-Sa Attard ressqet rimarka fejn infurmat li l-arblu tal-monument li jinsab faċċata tal-Knisja parrokkjali ma kienx qiegħed hemm miħabba li dan inqala sabiex jiġi xkatlat u miżbugħ. Hi infurmat ukoll li l-ispiża tal-materjal qedha inkluża fl-iskeda tal-*petty cash* u x-xogħol sar volontarjament. Hi spjegat ukoll kif l-arblu kien ser jerġa jitpoġġa f'postu l-għada sabiex ikun qiegħed lura f'postu għal Jum il-Għargħur.

**24/04/15** Is-Sa Gauci staqsiet għalfejn dan ix-xogħol ma sarx mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**24/04/16** Is-Sa Meli infurmat li l-ħaddiema kienu għaddejin fuq xogħol ieħor fosthom sar ir-*refreshing* tal-markeġġi fit-Toroq u oħrajn qed jieħdu ħsieb anke l-ġonna.

**24/04/17** Id-DSE infurmat ukoll kif it-tliet bnadar li kellhom bżonn jitranġaw, dawn kienu intbagħtu għand il-persuna rrakomandata fil-loktalità u kif tnejn biss jistgħu jiġu tranġata.

## 24/05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet

**24/05/01** Is-Sindku ressqet fuq il-mejda komunikazzjoni mingħand residenta li waslet aktar kmieni dakinhar tal-laqgħa dwar karozzi li qed jitilgħu direzzjoni ħazina fi Triq il-Ġnien. Hi spjegat kif ir-residenta nfurmat kif it-tabella tal-*one way* qed tiġi ostakolata mis-siġar u kif għal din ir-raġuni din ir-residenta kienet qed titlob sabiex isir iż-żbir ta' siġar ikkonċernat biex it-tabella tkun viżibbli u jittieħdu miżuri oħra sabiex jitwaqqaf dan l-abbuż.

**24/05/02** Is-Sa Meli infurmat li din is-siġra ser tiġi miżbura.

**24/05/03** Is-Sa Gauci fakkret ukoll kif f'din l-istess Triq kienet talbet sabiex isiru linji doppji sofor.

**24/05/04** Is-Sa Meli infurmat li dan ix-xogħol għadu ser isir peress li, kif kienet spjegat fil-bidu tal-laqgħa, ċertu xogħol ma kienx leħaq sar minħabba li l-laqgħa saret fi żmien ġimgħatejn u ġimgħa minnhom id-DSE kienet bil-leave. Madanakollu hi sostniet li ser tkun qed iddur dawn ix-xogħolijiet pendenti mas-SE il-ġdida sabiex dawn ix-xogħolijiet isiru mill-aktar fis possibli.

**24/05/05** Is-Sa Attard fakret ukoll fil-linji doppji sofor li għandhom bżonn isiru fi Triq Għar San Brincat, fejn kien tneħħa l-parkeġġ.

**24/08/06** Is-Sa Gauci ikkonfermat li din kienet ġiet imressqa minnha fil-laqgħa preċedenti u kif dan kien għadu ma sarx.

**24/08/07** Is-Sa Meli kkonfermat li dan ix-xogħol ser ikun qed isir fil-ġranet li ġejjin.

**24/08/08** Is-Sa Gauci reġgħet fakkret ukoll fuq it-talba ta’ Triq Għar San Brincat li qed ikun jiżloq ħafna meta tagħmel xita jew nida.

**24/08/09** Id-DSE infurmat li dwar dan kien ingħata *feedback* fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill fejn TM issuġġerixxa li l-art issir bil-materjal aħmar pero jiswa l-flus u jkollu bżonn manutenzjoni regolari. Hi spjegat ukoll kif TM ma tawx alternattivi oħra.

**24/08/10** Is-Sa Gauci żiedet tgħid ukoll kif wara li jsiru l-linji doppji sofor, hemm bżonn ukoll li jiżdied l-infurzar.

**24/08/11** Is-Sindku ressqet komunikazzjoni mingħand resident li għandu garaxx fi Triq San Bartolomew fejn għalkemm hemm linnji doppji sofor maġemb il-garaxx, il-karozzi xorta waħda qed ikunu pparkjati viċin u ma jkunx jistà jidħol u joħroġ. Għal din ir-raġuni qed jitlob sabiex jitpoġġew bollards.

**24/08/12** Is-Sa Meli qalet kif din kienet ġiet imressqa lill-LESA u tranġat is-sitwazzjoni.

**24/08/13** Is-Sa Meli għamlet referenza għal siġra li tinsab wara *barrier* f’post privat fi Triq 31 ta’ Marzu, li jġħati għall-parkeġġ privat u fejn ir-residenti kienu qed jitlobu lill-Kunsill Lokali sabiex din tiġi miżbura. Hi qalet ukoll kif ir-resident informaha kif fil-passat din is-siġra kienet tinżabar mill-Kunsill. Is-Sa Meli qalet kif l-art hija propjetà tal-Kurja.

**24/08/14** Is-Sa Meli infurmat kif din tmur kontra l-*policy* tal-Kunsill u għal din ir-raġuni din m’għandiex tiġi miżbura mill-Kunsill ġaladarba tinsab f’art privata.

**24/08/15** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera dwar il-bdil ta’ firmatorju fil-kontijiet bankarji kollha tal-Kunsill kif ukoll jingħata aċċess sħieħ għall-internet banking 24/7 lis-Sa Marvic Vassallo minflok is-Sa Galea, bħala s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.

**24/08/16** Il-Kunsilliera approvaw din it-talba b’mod unanimu.

**24/08/17** Is-Sindku żiedet tgħid li l-aċċess tal-paġna ta’ Facebook tneħħa mingħand is-Sa Gauci u eventwalment ser ikun qed jingħata aċċess lis-Segretarju Eżekuttiv.

**24/08/18** Id-DSE infurmat li sakemm isir il-proċess tal-bdil tal-firmatorju mal-banek, hi ser tkun qed tgħaddi l-pagamenti li ser ikunu qed jiġu mressqa għall-approvazzjoni f'din il-laqgħa kif ukoll il-pagi tax-xahar ta' Lulju sakemm is-SE il-ġdid ikollha l-aċċess sħieħ.

**24/08/19** Kien hemm qbil dwar dan mill-Kunsilliera preżenti.

**24/08/20** Is-Sindku għamlet referenza għal *barriers* fejn Top of the World li kienu ġew ordnati pero dawk li ingħataw mill-kuntrattur kienu tal-plastik. Għal din ir-raġuni, is-Sa Meli spjegat kif il-Kunsill bagħat komunikazzjoni dwar dan sabiex jispjega li l-post fejn dawn iridu jitpoġġew iridu jkunu ta' materjal b'saħtu biex jitnaqqas l-abbuż tad-dħul bil-karozzi.

**24/08/21** Id-DSE żiedet tgħid li l-Kuntrattur kien wieġeb lura u spjega kif il-*bollards* tal-ħadid m'għandhomx jintużaw minħabba l-*healthy and safety* u kif offra lill-Kunsill imorru l-warehouse biex jaraw jekk hemmx xi ħaġa oħra li tistà titpoġġa minflok dawn il-*bollards.*

## 24/06 Kuntratti, Tenders u MOUs

**24/06/01** Is-Sa Meli għamlet referenza għas-sejħa ta' offerti – 'GLC/01/2025 - tender for the provision and maintenance of traffic signs and road markings with maximised lifespan while minimising associated environmental impacts for the Gharghur Local Council' – u qalet kif dan huwa ppublikat u miftuħ. Hi qalet kif malli tgħaddi d-data tal-għeluq ser ikun qed jiġi msejjaħ il-bord sabiex l-offerti jiġu evalwati.

**24/06/02** Is-Sa Meli infurmat kif inħarġet sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-kirja ta' van fejn il-Kunsill irċieva risposta waħda biss li qed taqbeż l-ammont stipulat għall-erba xhur. Għal din ir-raġuni, hi spjegat li l-Kunsill ser ikun qed jinforma lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar dan u jispjega li l-vann li kellu kien ferm orħos minn dak ikkwotat.

**24/06/03** Id-DSE fakkret li l-Kunsill għandu jitkellem mal-kuntrattur li qed jissuplixxi l-vann fil-preżent, jekk ir-rata tal-vann hux ser tibqa l-istess jew simili għall-perjodu ta' erbgħa xhur.

**24/06/04** Is-Sindku qablet ma' dan is-suġġeriment u ser ikunu qed jikkomunikaw mal-kuntrattur kif ukoll tintalab direzzjoni mill-miktub mid-Diviżjoni.

**24/06/05** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera kif il-Kunsill irregola l-Kuntratt tad-dawl billi saret ittra ta' estenzjoni ma' Mica Med li hija temporanja sa tmiem is-sena 2025 minħabba li għad hemm il-każ legali għaddej bejn Enemalta u l-Kuntratturi tad-dawl.

**24/06/06** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-kuntratt tad-*Data Protection Officer* (DPO) li kien skada wkoll u infurmat li ser tkun qed tintalab sejħa għall-kwotazzjonijiet għall-perjodu ta' sena u li l-ammont ma jkunx jaqbeż €5,000 (VAT eskluż).

**24/06/07** Is-Sa Meli infurmat li l-Kunsill kien issottometta l-applikazzjonijiet marbuta ma' l-iskemi finanzjarji kif ukoll issottometta l-applikazzjonijiet fuq is-sistema tax-xogħolijiet pubbliċi sabiex isir it-talba għall-isqaqien li kienu ġew approvati fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

## 24.7 Postijiet Vakanti

- ***Sejħa biex timtelà l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur***

**24/07/01** Is-Sa Meli infurmat li din is-sejħa issa ġiet konkluża u kif infurmat fil-bidu tal-laqgħa, minn nhar it-Tnejn 14 ta' Lulju 2025, is-Sa Marvic Vassallo bdiet din il-pużizzjoni fil-Kunsill Lokali tal-Għargħur.

- ***Clerk, Scala 15, Part Time***

**24/07/02** B'referenza għal din il-pożizzjoni, is-Sa Meli infurmat kif din is-sejħa kienet għalqet u s-Sa Vassallo ser tkun qed tikkomunika mal-bord sabiex jinżammu l-intervisti mal-applikanti eleġibbli għal din il-pożizzjoni.

**24/07/03** Is-Sa Gauci staqsiet kemm kien hemm applikazzjonijiet.

**24/07/04** Id-DSE infurmat li ma kienitx għadha daret l-applikazzjonijiet kollha pero spjegat li kien hemm diversi applikazzjonijiet. Madanakollu dawn iridu jiġu ivverifikati skond l-elegibbilità.

## 24/08 Attivitajiet

**24/08/01** Is-Sindku, is-Sa Mariah Meli, għamlet referenza għall-bibita li tinżamm kull sena mill-Kunsill waqt il-festa. Hi spjegat kif il-Kunsill leħaq ġabar kwotazzjonijiet sabiex jiġu diskussa waqt din il-laqgħa u peress li ma tantx kien fadal ħafna żmien. Hi qalet ukoll li d-data proposta hija nhar l-Erbgħa 13 t'Awwissu 2025 u sabiex din tinżamm fil-ġnien ta' l-oratorju, li ser tkun qed tingħata b'xejn.

**24/08/02** Is-Sa Meli ressqet fuq il-mejda il-kwotazzjonijiet miġbura fejn l-orħos kienet dik provduta mingħand Apetitosa.

**24/08/03** Hi żiedet tgħid li jkun jonqos li jinġabru kwotazzjonijiet għax-xorb.

**24/08/04** Is-Sa Meli infurmat ukoll kif il-Kunsill irid jistabilixxi min ser ikun mistieden għal din il-bibita minħabba li jrid ikun hemm limitazzjoni peress li l-Kunsill għandu problema finanzjarja. Għal din ir-raġuni hi pproponiet li jiġu mistiedna l-President u s-Segretarju ta' kull għaqda u kumitat. Kien hemm qbil li jekk ma jkunux jistgħu jattendu, dawn ikunu jistgħu jibgħatu rappreżentant fin-nuqqas tagħhom. Is-Sa Meli ipproponiet ukoll li għandhom jiġu mistiedna l-ex Kunsilliera u l-ħaddiema wkoll.

**24/08/05** Kien hemm qbil li jiġi allokat €200 fuq xorb u naraw li jkun fuq bażi ta' *return.*

**24/08/06** Is-Sa Meli spjegat li peress li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill diġa qedha ħażin u kif kien hemm diversi fornituri li għadhom iridu jitħalsu, hi xtaqet li jsir xi ħaġa żgħira pero permezz ta baġit żgħir.

**24/08/07** Is-Sa Meli infurmat li kienu daħlu *bookings* għall-attività li qed tiġi organizzata lit-tfal.

**24/08/08** Is-Sa Meli infurmat lill-Kunsilliera dwar komunikat li kien wasal kmieni dakinhar minn Fondazzjoni Sebħ fejn talba li bħala organizzazzjoni volontarja l-Kunsill jikkunsidra li jaċċetta l-parteċipazzjoni ta 16-il tifel/tifla mingħajr ħlas jew imraħħas.

**24/08/09** Il-Kunsilliera preżenti approvaw li dawn it-tfal għandhom jattendu għall-attività ta' l-ilma mingħajr ħlas.

**24/08/10** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-avveniment tat-tberik ta' l-annimali u spjegat li l-preparamenti bdew bil-mod peress li fil-preżent il-preparazzjoni kienet iffukata fuq l-avvenimenti li ser jinżammu aktar fil-viċin.

**24/08/11** Is-Sa Meli talbet lis-Sa Attard sabiex tagħti aġġornament fuq it-Treasure Hunt.

**24/08/12** Is-Sa Attard infurmat kif din l-attività kienet ser tinżamm nhar il-Ħamis 17 ta' Awwissu 2025 u kif kien hemm 11-il grupp li ser jipparteċipa. Hi spjegat kif l-parteċipanti ser jiltaqgħu fis-6:30pm sabiex jingħataw spjegazzjoni tar-regoli u kif fl-aħħar tar-rotta ser ikunu qed jiltaqgħu fl-istess post biex eventwalment jingħataw ir-rigali. Żiedet tgħid ukoll kif il-parteċipanti ser jingħataw ċertifikat ta' parteċipazzjoni, ser jingħata rigal sabieħ mingħand The Notebook Centre, ser ikun hemm good bag lit-tfal mgħoti mir-Reġjun Lvant, u ser jingħataw kotba tal-qari mill-Aġenzija tal-Literizzmu Nazzjonali.

**24/08/13** Is-Sa Meli fakkret kif nhar l-Erbgħa 16 ta' Lulju 225 kienet ser tinżamm l-attività marbuta ma Jum il-Għargħur fejn ser ikun hemm quddiesa u wara ser ikunu qed jingħataw ir-rikonoxximenti ta' Ġieħ Excelsior umbad ikun hemm l-attività fil-pjazza ta' quddiem il-knisja.

**24/08/14** Is-Sa Meli qalet ukoll kif aktar kmieni dakinhar hi kienet infurmata li TM kienu ħarġu l-parkeġġi għal nhar il-Ġimgħa 18 ta' Lulju u spjegat ukoll li ser tkun *sponsored* servizz ta' *Bus Shuttle* minn Triq John Ayde għal Triq San Bartilmew. Hi spjegat kif kienu għadhom qed jinġabru l-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' *minibus.*

**24/08/15** Is-Sa Meli infurmat ukoll li l-Kunsill ġab sponsorship mingħand fotografu, Denise Aquilina, sabiex waqt is-serata ta' Jum il-Għargħur jittieħdu r-ritratti waqt il-quddiesa u l-preżentazzjoni ta' Ġieħ Excelsior.

**24/08/16** Is-Sa Meli infurmat kif il-Kunsill ser ikun qed jorganizza tour b'dgħajsa għal filgħaxija u ser tkun miftuħa għall-familja kollha. Hi infurmat kif dettalji dwar dan ser jingħata aktar 'il quddiem.

**24/08/17** Is-Sa Attard infurmat li Lejla Flimkien ser tinżamm nhar it-Tlieta 5 t'Awwissu, filgħaxija, minflok il-Coffee Morning li tinżamm filgħodu, ġewwa l-Ġnien ta' l-Oratorju. Hi qalet ukoll li din ser tinżamm b'xejn għall-anzjani.

24/08/18 Is-Sa Meli staqsiet lill-Kunsilliera jekk kienx hemm aktar kummenti dwar dan.

**24/08/19** Is-Sur Christopher Fenech staqsa min ser ikun qed jgħajjar l-ismijiet ta' min ser ikun inghata Ġieħ Excelsior għal wara l-quddiesa.

**24/08/20** Is-Sa Meli infurmat li ser tkun qed tagħmel dan id-DSE u l-kitba ser tkun qed tiġi ppreparata mis-Sa Attard bi ftit informazzjoni għalfejn ġiet magħżulha l-persuna għal Ġieħ.

## 24/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**24/09/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda.

**24/09/02** Is-Sa Meli għamlet referenza għall-kont ta' l-ARMS li kien tressaq fl-iskeda preċedenti u spjegat kif dak kien tas-*Search Light Battery* u nfurmat ukoll li dan il-Kunsill jgħaddieħ lil Don Bosco sabiex jiġi mħallas mingħandhom.

**24/09/03** Kien hemm diskussjoni qasira dwar l-isem li kien qed jidher fuq il-kont ta' l-ARMS.

**24/09/04** Is-Sa Attard staqsiet jekk il-pagamenti hux jiġu mħalsa u jekk dan il-kont jistax ikun qed jissejjaħ lil min qed jgħamel użu minnu.

**24/09/05** Id-DSE infurmat li mill-kont li ġie għand il-Kunsill ma jidhirx li hemm pagamenti b'lura.

**24/09/06** Is-Sindku ma qablitx li l-isem fuq il-kont jitneħħa mill-Kunsill peress li s-sit huwa devolut lill-Kunsill.

**24/09/07** Is-Sa Attard fakkret ukoll fl-ittra li kellha tintbagħat mill-avukat rigward l-addendum mal-kuntratt fuq is-*Search Light Battery.*

**24/09/08** Is-Sa Meli qalet li issa li magħżul l-avukat, l-ewwel każ urġenti kien l-ittra legali tal-*boxing tournament* pero ser tinforma lill-avukat dwar dan ukoll kif ukoll dwar il-problema tat-torri.

**24/09/09** Is-Sa Meli ressqet fuq il-mejda l-Petty Cash u fakret li l-ammont naqas u ġie aktar ikkontrollat peress li l-Fuel għal vann qed isir bi ħlas fix-xahar u xiri ta' l-ilma ġiet solvuta permezz ta' *water dispenser.*

**24/09/10** Il-Kunsillier, is-Sur Christopher Fenech, sekondat mill-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda ta' pagamenti Numru 17.

**24/09/11** Il-mozzjoni ġiet approvata.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

## 24/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**24/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-19:00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa 8 t'Awwissu 2025 fil-5:30p.m.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**